



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 30.10.2014  
COM(2014) 685 final

2014/0321 (NLE)

Rakkomandazzjoni għal

### DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**Dwar l-adeżjoni tal-Kroazja għall-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000, imwaqqfa mill-Kunsill skont l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar Assistenza Reċiproka f'Materja Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-protokoll tagħha tas-16 ta' Ottubru 2001**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-att tal-2012 dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tal-Kroazja<sup>1</sup> ssimplifika l-adeżjoni tagħha għall-konvenzjonijiet (u protokolli) konklużi mill-Istati Membri fuq il-bażi tal-Artikolu 34 tat-Trattat tal-UE (eks-Artikolu K.3 tat-Trattat tal UE). Fil-fatt mhux aktar meħtieġ, bħalma kien fl-imgħoddi, li jiġu negozjati u konklużi protokolli speċifiċi ta' adeżjoni (li kellhom jiġu ratifikati mit-28 Stati Membri): l- Artikolu 3, paragrafi 4 u 5, tal-Att ta' Adeżjoni jipprevedi sempliċement li l-Kroazja tissieħeb mal-konvenzjonijiet u l-protokolli permezz tal-Att.

L-Artikolu 3, il-paragrafi 4 u 5 tal-Att tal-Adeżjoni jipprevedi li l-Kunsill jieħu deċiżjoni li tistabilixxi d-data li fiha l-konvenzjonijiet jidħlu fis-seħħ fir-rigward tal-Kroazja u jagħmel l-aġġustamenti kollha meħtieġa minħabba l-adeżjoni ta' dan l-Istat Membr l-ġdid għal dawn il-konvenzjonijiet (inklużi mill-inqas l-adozzjoni tal-konvenzjonijiet bil-lingwa Kroata sabiex dawn ukoll jistgħu ikunu awtentiċi") Il-Kunsill jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, wara li jkun ikkonsulta l-Parlament Ewropew.

L-Anness I għall-Att ta' Adeżjoni jagħti l-lista tas-seba' konvenzjonijiet u protokolli kkonċernati fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni.

Il-lista tinkludi l-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000, imwaqqfa abbażi tal-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Protokoll tagħha tas-16 ta' Ottubru 2001 għall-Konvenzjoni dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imwaqqfa mill-Kunsill skont l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill hija intenzjonata biex tagħmel l-aġġustamenti meħtieġa minħabba l-adeżjoni tal-Kroazja għall-Konvenzjonijiet u Protokolli msemmija hawn, skont l-Artikolu 3, il-paragrafi 4 u 5, tal-Att tal-Adeżjoni.

---

<sup>1</sup> ĠU L 112 tal-24 ta' April 2012, p. 10.

Rakkomandazzjoni għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**Dwar l-adeżjoni tal-Kroazja għall-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000, imwaqqfa mill-Kunsill skont l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar Assistenza Reċiproka f'Materja Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-protokoll tagħha tas-16 ta' Ottubru 2001**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikoli 3, paragrafi 4 u5,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni<sup>2</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>3</sup>,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni mwaqqfa mill-Kunsill skont l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar Assistenza Reċiproka f'Materja Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (minn-hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka") kienet iffirmata fi Brussell fid-29 ta' Mejju 2000 u daħlet fis-seħħ fit-23 ta' Awissu 2005.
- (2) Il-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiprika kienet imsaħħa mill-Protokoll tas-16 ta' Ottubru 2001, imwaqqaf mill-Kunsill skont l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll dwar l-Assistenza Reċiproka"), li daħal fis-seħħ fil-5 ta' Ottubru 2005.
- (3) L-Artikolu 3(4) tal-Att ta' Adeżjoni jipprevedi li l-Kroazja tissieħeb mal-konvenzjonijiet u l-protokolli konklużi bejn l-Istati Membri elenkati fl-Anness I għall-Att ta' Adeżjoni. Il-konvenzjonijiet u l-protokolli jidħlu fis-seħħ, għall-Kroazja, fid-data deċiża mill-Kunsill. Din il-lista tinkludi l-Konvenzjoni dwar Assistenza Reċiproka u l-Protokoll dwar Assistenza Reċiproka.
- (4) Skont l-Artikolu 3(5) tal-Att tal-Adeżjoni, il-Kunsill għandu jagħmel l-aġġustamenti kollha meħtieġa minħabba l-adeżjoni għal din il-Konvenzjoni u dan il-Protokoll,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka għandha tidħol fis-seħħ [*fl-ewwel jum tal-ewwel xahar ta' wara d-data tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni*] bejn il-Kroazja u l-Istati Membri li għalihom tidħol fis-seħħ din il-konvenzjoni f'dik id-data.

<sup>2</sup> ĠU C [...] tal- [...], p. [...].

<sup>3</sup> ĠU C [...] tal- [...], p. [...].

Il-Protokoll dwar l-Assistenza Reċiproka għandha tidħol fis-seħħ [*fl-ewwel jum tal-ewwel xahar ta' wara d-data tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni*] bejn il-Kroazja u l-Istati Membri li għalihom dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ f'dik id-data.

*Artikolu 2*

It-testi stabbilit fil-lingwa Kroata tal-Konvenzjoni dwar Assistenza Reċiproka u tal-Protokol dwar Assistenza Reċiproka, annessi ma' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi bl-istess kundizzjonijiet bħat-testi l-oħra ta' din il-Konvenzjoni u dan il-Protokoll.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl- għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*